MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 919/2010

**Vodafone Malta Limited – C 10865**

**vs**

**Donna Chalmers**
**I.D. 343288 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' disa' mija u zewg Ewro u wiehed u disghin centezmu (€902.91), liema ammont jirraprezenta hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont anness u mmarkat Dok. A).

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, izda baqghet inadempjenti, u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru numru ***2454/10***, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ disa’ mija u zewg Ewro u wiehed u disghin centezmu (€902.91), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------